# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Ottubru,2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1753/99mm**

**Emanuel u Maria Stella konjugi Ciantar**

**vs**

**Angele Camilleri xebba Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fid-29 ta' Novembru 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas is-somma ta' hames mija u tmienja u tletin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm538.46c) kif certifikat mill-Perit David Xuereb fil-11 ta' Awissu 1999, jew somma ohra li tigi hekk likwidata u akkordata, rapprezentanti l-appogg li hija pprattikat mal-bini ta' l-atturi u relatat mal-bini li jinsab fi Triq il-Fies, Attard, liema proprjeta' hija bniet fix-xhur li ghaddew, kollox kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru, 1999 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi hi diga rceviet talba ghal hlas tal-hajt divisorju minghand il-predeccessur in titolu tal-atturi li qieghed isostni li huwa ghandu jithallas tal-istess u mhux l-atturi.

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut stante li l-ammont semmai dovut ghal sehem il-konvenuta tal-hajt divisorju in kwistjoni huwa ta' Lm382.52c skond kif jirrizulta ahjar minn rapport tal-perit Ondre Camilleri Gaglione hawn anness u markat Dok 1.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Mejju 2000 fejn innominat lit-Tekniku AIC Albert Fenech sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-atturi wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess tekniku pprezentat fit-30 ta' Marzu 2001 u mahlufa fil-15 ta' Mejju 2001.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tar-relazzjoni tat-tekniku fuq imsemmi rrizulta illi hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-kejl tal-hajt ta' l-appogg li hemm bejniethom. Ma kienx hemm qbil dwar ir-rati illi kellhom jigu adoperati. Fuq dawn ir-rati l-perit tekniku ghamel il-konstatazzjonijiet tieghu kif jidhru minn paragrafu 15 et sequitur tar-relazzjoni.

Minkejja illi l-avviz legali 72 tal-1980 ghadu in vigore, peress illi qatt ma gie aggornat, il-prassi hijja illi jigu applikati rati ohra kif qal il-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu. Dawn ir-rati huma bazati fuq l-*index of inflation* kif jidher fil-paragrafu 17 tar-relazzjoni. Ghalhekk il-perit tekniku wasal ghal konkluzzjoni li l-appogg ghandu jithallas bir-rati ta' meta sar l-appogg u mhux b'rati ta' ghoxrin sena ilu .

Ir-rati wzati mill-Perit ta' l-atturi ma jidhrux illi huma l-ghola rati illi hemm bhalissa. Tant hu hekk illi fil-paragrafu 19 tar-relazzjoni tieghu l-perit tekniku ghamel u gharaf din id-differenza u kkunsidra dawn ir-rati bhala adekwati u gusti. L-perit tekniku wasal ghal konkluzzjoni illi l-ammont illi ghandu jithallas mill-konvenuta huwa ta' hames mija u zewg liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm502.28c) kif ukoll id-dritt tal-AIC David Xuereb fic-cifra ta' ghoxrin lira u wiehed u sebghin centezmi (Lm20.71c) li jgib total ta' hames mija u tnejn u ghoxrin lira u disgha u disghin centezmi (Lm522.99c). Dina mhijiex differenti wisq mit-talba originali kif maghmula fl-avviz.

Peress illi din il-kawza hija wahda ta' natura teknika u l-konkluzzjonijiet huma bazati wkoll fuq konsiderazzjonijiet teknici, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tbiddilhom la ma rrizultalhiex provi ohra fuq xhiex tista tbiddel dawn il-konsiderazzjonijiet. Minkejja illi l-konvenuta kienet qalet illi ser taghmel nota ta' referenzi, din in-nota qatt ma gietipprezentata fl-atti, minkejja illi giet moghtija zmien bizzejjed sabiex dana jsir. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit tekniku.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuta li thallashom l-ammont ta' hames mija tnejn u ghoxrin lira u disgha u disghin centezmi (Lm522.99c) rapprezentanti l-appogg li hija pprattikat mal-bini ta' l-atturi u relatat mal-bini li jinsab fi Triq il-Fies, Attard, liema proprjeta' hija bniet fix-xhur li ghaddew.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg